



Brussell, 4 ta' Frar 2025
(OR. en)

5902/25

AGRI 41
AGRIFIN 10
AGRISTR 6
AGRIORG 15

NOTA

minn:	Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura
lil:	Kunsill
Suġġett:	Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-verifika rurali - <i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (Agricoltura u Sajd) tal-24 ta' Frar 2025, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota tal-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-Verifika Rurali

Iż-żoni rurali huma parti essenzjali mill-potenzjal ekonomiku tal-Ewropa u huma responsabbli għas-sostenn tas-sigurtà tal-ikel għaċ-ċittadini kollha tal-UE u għall-provvista ta' beni pubbliċi relatati mal-funzjonijiet soċjali, kulturali, ekonomiċi, ambjentali u tal-pajsaġġ tagħhom. Il-vijabbiltà tagħhom u r-rabtiet dejjiema u kooperattivi tagħhom maċ-ċentri urbani huma għalhekk essenzjali għaż-żamma tal-koeżjoni tal-UE kollha kemm hi.

Madankollu, f'ħafna stati membri, iż-żoni rurali qed jiffaċċaw sfidi dejjem akbar, mhux l-inqas fir-rigward tas-sitwazzjoni demografika u ekonomika tagħhom. Dan huwa dovut prinċipalment għar-rati differenti ta' tkabbir u ta' żvilupp tat-territorji, li jwasslu għal inugwaljanza li qed tikber fl-aċċess għal kisbiet ċivili, ekonomiċi u soċjali.

Dawk li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali għandhom jindirizzaw dawn l-isfidi biex jiksbu integrazzjoni sħiħa taż-żoni rurali fil-proċessi tal-iżvilupp u jiżguraw aktar investiment fl-infrastruttura, l-edukazzjoni, is-suq tax-xogħol, is-saħħa, il-kultura, u t-trasformazzjoni ambjentali, diġitali u dik tal-enerġija.

Ir-rikonoxximent u l-użu tajjeb tal-potenzjal differenti taż-żoni rurali, fejn jgħixu madwar 137 miljun abitant, huma kruċjali biex jiġi żgurat li dawn ikunu aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperi, kif deskritt fil-*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperi sal-2040* (10404/21). Dan il-mudell ta' żvilupp ser jindirizza l-isfidi attwali u futuri u jiżgura li ż-żoni rurali tal-Ewropa jkomplu jikkontribwixxu għal UE sigura u reżiljenti għall-kriżijiet.

Il-ktajjen tal-provvista mfixkla matul il-pandemija tal-COVID-19, l-effetti tal-gwerra fl-Ukrajna, il-bidliet ġeopolitiċi, u ż-żieda fit-tibdil negattiv fil-klima - ilkoll jeħtieġu rispons xieraq mill-UE. Dan ir-rispons għandu jqis ir-rwol tal-operaturi agroalimentari fl-iżgurar tas-sigurtà u l-awtonomija strateġika tal-UE.

Waħda mill-għodod biex jintlaħqu dawn l-għanijiet hija l-implimentazzjoni effettiva tal-mekkaniżmu tal-*"Verifika Rurali"* u t-tixrid ta' prattiki tajbin f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-*Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE*, imsemmija hawn fuq. Skont is-suppożizzjonijiet, dan il-mekkaniżmu għandu jippermetti l-adattament tal-politiki kollha kif ukoll soluzzjonijiet legali u organizzazzjonali għall-ħtiġijiet u l-isfidi tal-iżvilupp taż-żoni rurali. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar *Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE (15631/23)*, il-Kunsill esprima l-appoġġ tiegħu għall-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-kunċett ta' verifika rurali. Il-Kunsill appella biex tissaħħaħ il-verifika rurali fil-livelli kollha u biex tittejjeb l-implimentazzjoni effettiva tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali (TIA).

Meta taħdem fuq inizjattivi ġodda li jeħtieġu valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni Ewropea diġà qed tapplika l-prinċipji tar-*"regolamentazzjoni aħjar"*, li jinkludu, fost l-oħrajn, il-valutazzjoni tar-regolamenti proposti f'termini tal-impatt tagħhom fuq iż-żoni rurali (TIA). Fil-każ ta' inizjattivi li ma jeħtiġux valutazzjoni tal-impatt, huwa preżunt li s-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jeżaminaw l-impatti fuq il-komunitajiet rurali b'mod kwalitattiv.

Madankollu, it-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt ex ante u ex post tas-soluzzjonijiet proposti rigward l-iżvilupp rurali mhuwiex biżżejjed biex jiżgura impatt reali fuq iż-żamma tal-vijabbiltà tagħhom u rispons adegwat għall-isfidi ekonomiċi u soċjali li jiffaċċaw.

Ir-rapport tal-Kummissjoni - *Il-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE: il-kisbiet ewlenin u t-triq 'il quddiem*, ippublikat f'Marzu 2024 (8360/24), juri l-isfidi għall-implimentazzjoni tal-verifika rurali u li s-soluzzjonijiet proposti s'issa mhumiex suffiċjenti biex jiġi vverifikat l-impatt reali tal-politiki u l-fondi tal-UE fuq l-iżvilupp rurali u biex jiġi żgurat li s-sorsi differenti ta' finanzjament għall-iżvilupp rurali jiġu kkombinati b'mod effettiv. Dan huwa kkonfermat ukoll mir-rakkomandazzjonijiet li rriżultaw mid-*Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agricoltura tal-UE (13057/24)* mhux disponibbli bil-Malti) rigward l-istabbiliment ta' *"Test Rurali"* mill-Kummissjoni. Dan it-test għandu jivverifika l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali u ġdida tal-UE fir-rigward tal-inklużjoni rurali.

Għalhekk, l-inklużjoni responsabbli taż-żoni rurali fil-proċessi tal-iżvilupp u t-tiżiħ tar-reżiljenza tagħhom għall-kriżijiet jirrikjedu l-użu tal-mekkaniżmu ta' Verifika Rurali mhux biss bil-fini li jiġi eżaminat l-impatt tal-abbozzi ta' soluzzjonijiet leġiżlattivi fuq l-iżvilupp taż-żoni rurali, iżda wkoll biex jitqiesu b'mod adegwat il-ħtiġijiet u l-isfidi taż-żoni rurali fl-istadju tat-tfassil ta' soluzzjonijiet għall-ippjanar finanzjarju, organizzazzjonali u strateġiku.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Presidenza tistieden lid-delegazzjonijiet iwieġbu ż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin:

1. Il-mekkaniżmu tal-Verifika Rurali għandu jittejjeb, u jekk iva, kif? Jekk jogħġbokom ippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet/suġġerimenti/konklużjonijiet tagħkom dwar il-Verifika Rurali, li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari f'termini tat-tiżiħ tal-effettività tal-implimentazzjoni tagħha fil-livell tal-UE.
2. Kif jista' l-iżvilupp rurali jiġi integrat aħjar fl-istrateġiji, il-politiki u l-fondi tal-UE minbarra l-PAK sabiex jiżdied l-impatt reali tagħhom fuq il-koeżjoni u jitnaqqsu d-disparitajiet fl-iżvilupp urban/rurali? Jekk jogħġbokom agħtu eżempji ta' prattika tajba f'dan il-qasam, applikata fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali.